# DAWL CKEJKEN

*Ta'* DUN FRANS CAMILLERI

*Lil Patri D. Mintoff O.F.M., Fundatur*
*tal-Premju "Papa Ġwanni XXIII"*

X'ħin tqalleb ta' kull jum qalb il-gazzetti
u, waħda wara l-oħra,
taqra l-aħbarijiet,
tħossok miblugħ u mgħaffeġ
f'dinja ta' ġlied u għira,
ta' qtil u serq, mibegħda u vizzjijiet.
U rasek tħossha tqila
ta' kull jum; miġbur ġo dalma
tal-biża' u tal-waħx,
donnok taqta' kull jies, titlef it-tama.

'Ma darba feġġ jum ġdid,
jum kollu lija; u fil-gazzetti
dehret aħbar sabiħa
li theġġeġ għall-imħabba, għat-tjubija,
u tfakkar, fil-jiem kollha,
fit-twajjeb Papa Ġwanni, dak ix-xwejjaħ
li nġibed lejh kulħadd.
U f'qalbi dik l-aħbar,
bħal dawl ċkejken f'nofs id-dalma,
xegħlet mill-ġdid it-tama.